MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 6 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 18 ta' Lulju 2013 |
| HIN | 2.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

6.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 5 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

6.2 Arising Out ma kienx hemm

6.3 Korrispondenza batch 76 & 77

6.3.1 Kellna offerta minghand Mary Attard sabiex jigu publikati calendarji tal-Imdina. Minhabba l-ispejjess involuti l-Kunsill qabel li ma jsirux.

6.3.2 Rega kitbilna Cliff Zammit dwar il-Kuncert li jixtieq itella gewwa l-Imdina. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nghatu permess li jsir fi pjazza tal-Arcisqof, bl-istands tal-Bar fi Triq San Pawl. Kellhu jintalab hlas ta' Euro200.

6.3.3 Inqrat korrespondenza mid-DLG dwar Streaming tal-Laqghat tal-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nipprocedu u nigbru kwotazzjonijiet ghas-sistema.

6.3.4 Kellna talba mis-Sinjorina Caroline Borg sabiex torganizza zwieg Civili F'Howard Gardens fin-naha tat-Tomba. Kien hemm qbil li nghatu Perms. Il-Hlas ta'Euro150 kellhu jingabar bhala administration fee.

6.3.5 Kellna talba mill-AKL dwar gemellag ma bliet fir-regjun ta' Campagna fl-Italia. Il-Kunsill minhabba li kellhu pendenti applikazzjoni ohra ma Assisi qabel li ma jippartecipax .

6.3.6 Claudio Marciano di Scala bghatilna proposta dwar grupp kbir b'diversi attrazzjonijiet sabiex jippartecipaw fil-Festival Medjevali tas-sena li gewwa. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din tigi diskussa aktar il-quddiem.

6.3.7 Ircevejna korrespondenza flimkien ma Formoli minghand il-MITA sabiex napplikaw ghal facilita ta' E Commerce. Il-Kunsill qabel li japplika maz-zewg Banek, BOV u HSBC u jiftah Merchant Account.

6.4 Ghoti tat-Tender tal-Gbir tal-Iskart Domestiku

6.4.1 PS ipprezenta rapport dettaljat tas-sottomissjonijiet li kienu dahlu ghal dan

it-Tender. Fuq kriterji stabiliti fis-sejha kienet harget score sheet.

6.4.2 Ibbazata fuq dan il-Kunsill qabel unanimament li jghati t-tender li Charles and Joseph Gauci ghal erba snin.

6.5 Affarijiet ohra meqjusa urgent.

6.5.1 Dwar il-Barbeque ta Jum l-Imdina kien hemm tliet kwotazzjonjiet. Giet maghzula dik ta' Jonathan Pace . Il-prezz tal-BBQ kellhu jkun ta Euro17.00.

6.7.2 Kien hemm qbil li jigi ffirmat ftehim gdid mal-MTA dwar l-ufficju Informazzjoni. Dan il-ftehim huwa l-istess bhal dak prezenti.

6.7.3 Kien hemm qbil li jsir laqgha mas –Sur John Attard Kingswell , mid-dipartiment tas-Sahha dwar l-isvillup tac-cimiterju ta' Sant Antnin.

6.7.4 PSM informa ll Kunnsill li fir-regjun kien hemm qbil li jitwahhlu CCTV system sabiex jigi kontrollat l-access fl-Imdina

6.7.5 Kien hemm qbil li nippartecipaw f'Helland project li kien jaghmel parti mil-MED programme tal-Universita ta' Malta.

Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 5/13

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |